32005D0499

14.7.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 183/99

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Lulju 2005

li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd mill-Baħamas

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 2518)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/499/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha,

Billi:

(1) Twettqet spezzjoni fil-Baħamas f'isem il-Kummissjoni biex jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet li fihom il-prodotti ta' l-industrija tas-sajd jiġu prodotti, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità.

(2) Il-kundizzjonijiet fil-leġislazzjoni tal-Baħamas dwar l-ispezzjoni sanitarja u l-monitoraġġ tal-prodotti ta' l-industrija tas-sajd jistgħu jitqiesu l-istess bħal dawk li hemm stipulati fid-Direttiva 91/493/KEE.

(3) B'mod partikolari, "id-Dipartiment tas-Sajd (DS)" huwa kapaċi jivverifika b'mod effettiv l-implimentazzjoni tar-regoli fis-seħħ.

(4) Id-DS ipprovda assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità ma' l-istandards tal-kontrolli sanitarji u l-monitoraġġ ta' prodotti tas-sajd kif stipulati fil-Kapitolu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE u dwar it-twettiq tar-rekwiżiti iġjeniċi ekwivalenti għal dawk stabbiliti b'dik id-Direttiva.

(5) Jixraq li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-prodotti tas-sajd importati fil-Komunità mill-Baħmas, skond id-Direttiva 91/493/KEE.

(6) Jeħtieġ ukoll li titfassal lista ta' stabbilimenti, bastimenti fabbriki, jew imħażen tal-friża approvati, u lista ta' bastimenti tal-friża mgħammra skond ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 92/48/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli minimi ta' iġjene applikabbli għall-prodotti tas-sajd maqbuda fuq ċerti bastimenti skond l-Artikolu 3(1)(a)(i) tad-Direttiva 91/493/KEE [2]. Dawk il-listi għandhom jiġu elenkati fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mid-DF lill-Kummissjoni.

(7) Jixraq li din id-Deċiżjoni tiġi applikata 45 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha li jipprovdu l-perjodu tranżitorju meħtieġ.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-"Dipartiment tas-Sajd (DS)" għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Baħamas identifikat għall-għanijiet tal-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Il-prodotti tas-sajd importati fil-Komunità mill-Baħamas għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3, 4 u 5.

Artikolu 3

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat sanitarju oriġinali innumerat skond il-mudell stipulat fl-Anness I u li jkun jikkostitwixxi folja waħda, mimlija, iffirmata u ddatata kif suppost.

2. Iċ-ċertifikat sanitarju għandu jitfassal f'għallinqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn ikunu qed jitwettqu l-kontrolli.

3. Iċ-ċertifikat sanitarju għandu jinkludi l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tad-DS, u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' l-approvazzjonijiet.

Artikolu 4

Il-prodotti tas-sajd għandhom jiġu minn stabbilimenti, bastimenti fabbriki, jew imħażen tal-friża approvati, jew minn bastimenti tal-friża rreġistrati elenkati fl-Anness II.

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 15. Direttiva kif ġiet emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 187, 7.7.1992, p. 41.

Artikolu 5

Il-pakketti kollha għandhom ikunu mmarkati bil-kelmiet "IL-BAĦAMAS" u bin-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, il-bastiment fabbrika, il-maħżen tal-friża jew il-bastiment tal-friża ta' l-oriġini b'ittri li ma jitħassrux, għajr għal każijiet ta' prodotti tas-sajd iffriżati bl-ingrossa u intenzjonati għall-manifattura ta' ikel ippriservat.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-28 ta' Awwissu 2005.

Artikolu 7

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-12 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

ĊERTIFIKAT SANITARJU

għall-prodotti ta' l-industrija tas-sajd importati mill-Baħamas u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea li jeskludu molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar f'kull għamla

Numru ta' Referenza: .....

Pajjiż li jibgħat: IL-BAĦAMAS

Awtorità kompetenti: Dipartiment tas-Sajd (DS)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd u trobbija tal-ħut**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/ta' l-akkwakultura ([1]): .....

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip ta' trattament ([2]): .....

— In-numru tal-kodiċi (fejn japplika): .....

— Tip ta' ppakkeġġar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Il-ħażna meħtieġa u t-temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), bastiment(i)-fabbrika, jew tal-maħżen (imħażen) imkessaħ(in) approvati jew tal-bastiment(i) tal-friża rreġistrati mid-DS għall-esportazzjoni lejn il-KE: .....

.....

III. **Id-destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti jintbagħtu

minn: .....
(post tad-dispaċċ)

lil: .....
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

([1]) Ħassar kif meħtieġ.

([2]) Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, affumikat, ippreżervat.

bil-mezz ta' transport li ġej: .....

.....

Isem u indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

Isem id-destinatarju u indirizz tal-post tad-destinazzjoni: .....

.....

IV. **Ċertifikat sanitarju**

— L-ispettur sanitarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u ġew ittrattati abbord ta' bastimenti skond ir-regoli sanitarji stabbiliti mid-Direttiva 92/48/KEE;

2. ittellgħu, ġew ittrattati, u fejn meħtieġ ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, tħallew jinħallu u ġew maħżuna b'mod iġjeniku skond il-kondizzjonijiet meħtieġa kif preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew minn kontrolli sanitarji skond il-Kapitlu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;

5. mhux ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom il-bijotossini;

6. għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli organolettiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u mid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa konxju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE u 92/48/KEE u tad-Deċiżjoni 2005/499/KE.

Magħmul fi ..... fil- .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali (1)

Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)

(Isem il-persuna li qed tiffirma b'ittri kbar, kif ukoll il-kariga u l-kwalifiki tagħha)

(1) Il-kulur tat-timbru u tal-firma jridu jkunu b'kulur differenti minn dak tad-dettalji l-oħra taċ-ċertifikat.

ANNESS II

LISTA TA' STABBILIMENTI U BASTIMENTI

Nru ta' l-approvazzjoni	Isem	Belt Reġjun	Skadenza ta' l-Approvazzjoni	Kategorija
01	Tropic Seafood Ltd	New Providence		PP
04	Marsh Harbour Exporters & Importers Ltd	Abaco		PP
08	Ronald's Seafood Ltd	Eleuthera		PP
16	Performance Fisheries Ltd	Long Island		PP
22	Paradise Fisheries Ltd	New Providence		PP
29	Seafarmer (David Kreiser)	New Providence		FV
64	Heritage Seafood Ltd	New Providence		PP
68	Hurricane Shawn (Hurricane Seafoods)	New Providence		FV
69	Typhoon Kyle (Hurricane Seafoods)	New Providence		FV
70	Painful Pleasure (Hurricane Seafoods)	New Providence		FV
71	Turn Me Loose (Hurricane Seafoods)	New Providence		FV
90	G & L Seafoods	Grand Bahama		PP

Tifsira tal-Kategorija:
FV Batiment fabbrika
PP Impjant ta' l-ipproċessar